**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-20 t'Ottubru 2021**

**Cit. Nru.: 120/2021 JPG**

**Kawza Nru : 22**

**TP**

**Vs**

**EP**

**Il-Qorti:**

Rikors konguntiv ta' TP u EP datat 22 ta' April 2021, a fol 1et seqq, li jaqra hekk:

1. *Il-partijiet izzewgu fit-8 ta' Jannar, 2010.* ***Dok. A*** *huwa certifikat taz-zwieg; il-Koppja ma kellhomx tfal;*

2. *Iz-zwieg tkisser u l-partijiet ilhom jghixu separatament u ilhom separati de facto minn Jannar tas-sena 2014. Il-partijiet ma kellhomx tfal u lanqas kellhom proprjeta' komuni bejniethom; ghalhekk, ma kellhomx bzonn ta' kuntratt ta' separazzjoni peress li kienu ffirmaw kuntratt qabel iz-zwieg fl-atti tan-Nutar Jean Pierre Attard datat 16 ta' Frar, 2015 –* ***Dok. B****;*

3. *Il-Partijiet ilhom separati 'l fuq minn hames snin;*

4. *L-ebda manteniment ma hu dovut bejn il-partijiet peress li t-tnejn jahdmu u t-tnejn iddekadew mid-dritt ta' manteniment;*

5. *M'hemmx tama ta' rikonciljazzjoni u m'hemmx manteniment dovut bejn il-partijiet;*

6. *Il-partijiet jixtiequ jiehdu d-divorzju taht Art. 66A u 66B u artikli ohra sussegwenti tal-Kodici Civili. Dak indikat f' dan ir-rikors huwa konfermat bil-gurament taz-zewg partijiet f' xhieda moghtija minnhom f' kawza ta' divorzju miftuha minnhom li giet rigettata minhabba procedura hazina –* ***Dok E1 u E2****.*

7. ***Dok C*** *hija kopja vera ta' nota li qed tigi prezentata kontemporanjament ma' dan ir-rikors fl-atti tal-istess rikors li tindika li l-avukati sottoiffirmati li assisstew il-partijiet, qabel ma bdew il-proceduri skond Art. 66B: (a) iddiskutew il-possibilita' ta' rikonciljazzjoni mal-partijiet u anke tawhom l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni kwalifikati li setghu joffru assisstenza fil-process ta' rikonciljazzjoni bejn il-mizzewgin; u (b) assikuraw li l-partijiet huma konxji tal-ghazla ghal separazzjoni personali bhala alternattiv ghad-divorzju. U dana fid-dawl li l-partijiet ghadhom m'humiex separati b'sentenza tal-qorti jew b'kuntratt ta' separazzjoni.*

8. *Illi il-partijiet issottomettew irwiehom ghal-medjazzjoni kif obbligati mill-ligi. U b' digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti tad-29 ta' Marzu 2021 (****Dok D****) il-partijiet gew awtorizzati jipprocedu ghad-divorzju.*

   *Ghalhekk, il-partijiet qed jitolbu bir-rispett kollu lil din l-Onorabbli Qorti joghogobha tiddikjara il-hall bid-divorzju taz-zwieg bejn il-partijiet kontrattat fit-8 ta' Jannar 2010 u dan ai termini tal-Artikoli 66A u 66B tal-Kodici Civili.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet ta' din il-Qorti gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

Jidher illi l-partijiet izzewgu fit- 8 ta'Jannar 2010 u dana skond ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness mar-rikors promotur *a fol 3* tal-process. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal, u l-partijiet kienu ghazlu r-regim tas-separazzjoni tal-beni sabiex jirregolaw iz-zwieg taghhom. Il-Qorti rat ukoll illi ghalkemm il-partijiet ilhom isseparati *de facto* mis-sena

elfejn u erbatax (2014), il-partijiet qatt m'ottjenew is-separazzjoni legali.

Il-Qorti rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jistipulaw kif segwenti:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

Illi jirrizulta mill-atti esebiti li l-partijiet ottemperaw ruhhom mad-dispozizzjonijiet tal-Artiklu 66 I tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u mad-dispozizzjonijiet tal-Ligi Sussidjarja 12.20.

Illi sussegwentement, il-partijiet gew awtorizzati jipprocedu b'dawn il-proceduri ghad-divorzju u/jew hall taz-zwieg ai termini tad-digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti datat disgha u ghoxrin (29)

ta' Marzu 2021 *(vide fol 9)*. Mill-atti jidher li mis-sena elfejn u erbatax (2014) l'hawn, il-partijiet ghexu hajja totalment separata minn xulxin, u b'hekk huwa sodisfatt ir-rekwizit tal-ligi illi l-partijiet iridu jkunu separati anke jekk *de facto* ghaz-zmien ikkontemplat mill-Ligi. Illi ukoll, jidher li m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni, b'dana illi anke dan ir-rekwizit hekk kif stipulat fil-ligi jirrizulta wkoll sufficjentement ipprovat.

Illi l-Qorti tinnota wkoll illi m'hemm l-ebda pretensjonijiet ghar-rigward manteniment bejn il-partijiet u lanqas m'hemm pendenzi ulterjuri ohra.

Illi ghalhekk din il-Qorti jidhrilha li l-partijiet rnexxilhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi sabiex iz-zwieg taghhom jigi mahlul.

Illi kif diga rilevat iktar qabel, il-Qorti rat illi l-partijiet kienu ghazlu li jirregolaw iz-zwieg taghhom tramite ir-regime tas-separazzjoni tal-beni, u dana kif jirrizulta mill-kuntratt *a fol 4 et seq* tal-process, fl-atti tan-Nutar Dr Jean Pierre Attard tas- 16 ta' Frar 2015 u ghalhekk bejn il-partijiet qatt ma kien hemm komunjoni tal-akkwisti li tezigi li tigi xolta f'dana l-istadju. Illi mit-testimonjanzi li taw il-partijiet fl-atti tal-proceduri bin-numru 46/2020, liema testimonjanzi gew esebiti fl-atti tal-proceduri odjerni, il-partijiet ukoll ikkonfermaw illi ma nxtraw l-ebda assi fiz-zwieg.

Illi l-Qorti rat ukoll l-artikolu 66 G (1) u l-artikolu 66 G (2) (a) u l-artikolu 66H tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jistipulaw is-segwenti:

> ***(1) L-avukat li jkun qed jippatroċinja lir-rikorrent għandu, qabel ma jibda l-proċeduri skont l-artikolu 66B, fejn il-miżżewġin ma jkunux separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti - (a) jiddiskuti mar-rikorrent il-possibilita` ta' rikonċiljazzjoni u jagħti lilu l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni kwalifikati biex joffru l-għajnuna fil-proċessta' rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u(b) jassigura li r-rikorrent jaf bil-fakultà ta' separazzjoni personali bħala alternattiva għad-divorzju…***
>
> ***(2) Ir-rikors li permezz tiegħu jinbdew il-proċeduri ta' divorzju għandu:(a) fejn il-miżżewġin ma jkunux separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti, ikun akkumpanjat b'nota li fiha l-avukat jikkonferma li huwa osserva l-ħtiġiet tas-subartikolu (1);***

***66H (1) L-avukat li jkun qed jippatroċinja lill-intimat għandu, kemm jista' jkun malajr wara li jirċievi istruzzjonijiet mill-intimat dwar il-każ, fejn l-intimat u l-parti l-oħra ma jkunux separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti, jiddiskuti mal-intimat il-possibilita` ta' rikonċiljazzjoni u jagħtih l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni kwalifikati biex joffru l-għajnuna fil-proċess ta' rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin.***

***(2) Fejn il-miżżewġin ma jkunux separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti, ir-risposta tal-intimat għar-rikors għad-divorzju għandha tkun akkumpanjata b'nota li fiha l-avukat jikkonferma li osserva l-ħtiġiet tas-subartikolu (1):***

***Iżda meta l-avukat li jkun qed jassisti lill-klijent fil-każ ta' divorzju ma jkunx ippreżenta n-nota imsemmija, l-avukat għandu jippreżenta dik in-nota fil-qorti sa jew fl-ewwel smigħ tal-kawża.***

Il-Qorti tara illi fir-rigward tann-noti rikjesti mill-ligi ai termini tal-artikolu 66 G (2) (a) tal-Kap 16 u dik ai termini 66 (H) (2), l-avukati difensuri tal-partijiet prezentaw nota kogunta mar-rikors promotur, liema nota tinsab *a fol 7* tal-process, fejn permezz tal-imsemmija nota kogunta huma gabu a konjizzjoni ta' din il-Qorti il-fatt li huma espletaw l-obbligu taghhom ai termini tal-imsemmija dispozizzjonijiet tal-Ligi.

**Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa l-ewwel talba u tiddikjara li l-kontendenti ilhom de facto separati ghaz-zmien kontemplat mill-Ligi, li m'hemmx kwistjoni ta manteniment bejn il-kontendenti u li m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni;**

2. **Tordna u Tippronunzja d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti TP (ID 73686M) u EP (ID 64627A) fit-8 ta' Jannar, 2010, liema zwieg igib in-numru progressiv tar-reġistrazzjoni tal-Att taż-Żwieġ 2094/2009 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**